A.L. 88 ta' l-1997

ATT TA' L-1997 DWAR IT-TAXXA TAD-DWANA U TAS-SISA (ATT NRU. XII TA' L-1997)

Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Fattura ta' Taxxa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 39 u l-artikolu 75 ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Fattura ta' Taxxa).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Lulju, 1997.

Tifsir.

2. Espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, l-istess tifsira lilhom mogħtija fl-Att.

Kontenut.

3. Salv hekk kif id-Direttur jista' jippermetti mod ieħor, dokument ma jikkostitwix fattura ta' taxxa kemm-il darba dan ma jkunx jinqara sew u kemm-il darba il-partikolaritajiet meħtieġa b'dawn ir-regolamenti ma jkunux tniżżlu sew u fis-sħuħija kollha tagħhom.

Għamla ta' fattura ta' taxxa.

4. (1) Salv id-dispożizzjonijiet tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, fattura ta' taxxa li tenħtieġ li tinħareġ fuq bejgħ ta' prodott għandu jkun fiha dawn il-partikolaritajiet li ġejjin:

(a) numru ta' identifikazzjoni tal-fattura;

(b) id-data tal-bejgħ;

(ċ) l-isem, l-indirizz u n-numru ta' reġistrazzjoni tat-taxxa ta' min jagħmel il-bejgħ;

(d) l-isem, l-indirizz u n-numru ta' reġistrazzjoni tat-taxxa tal-persuna li lilha jsir il-bejgħ;

(e) deskrizzjoni li tkun biżżejjed sabiex tidentifika l-prodotti mibjugħa;

(f) għal kull deskrizzjoni, l-għadd ta' prodotti b'distinzjoni bejn prodotti taxxabbli u prodotti eżenti skond l-Ewwel Taqsima tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att, u l-prezz li jkollu jitħallas għalihom eskluża t-taxxa (jekk ikun hemm);

(g) il-prezz totali li jkollu jitħallas, qabel ma jsir xi skont għal ħlas fil-pront u eskluża t-taxxa;

(h) ir-rata mogħtija għal xi skont għal ħlas fil-pront;

(i) fil-każ ta' bejgħ ta' prodotti taxxabbli l-ammont tat-taxxa li għandha titħallas;

(j) l-ammont totali li għandu jitħallas;

(2) Salv id-dispożizzjonijiet tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, fattura ta' taxxa li tenħtieġ li tinħareġ fuq provvista ta' servizzi għandu jkun fiha dawn il-partikolaritajiet li ġejjin:

(a) numru ta' identifikazzjoni tal-fattura;

(b) id-data tal-bejgħ;

(ċ) l-isem, l-indirizz u n-numru ta' reġistrazzjoni tat-taxxa tal-persuna li tipprovdi s-servizz;

(d) l-isem, l-indirizz u n-numru ta' reġistrazzjoni tat-taxxa tal-persuna li tirċievi s-servizz;

(e) deskrizzjoni li tkun biżżejjed sabiex tidentifika s-servizzi provduti;

(f) il-limitu tas-servizzi provduti b'distinzjoni bejn servizzi taxxabbli u servizzi eżentati skond it-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Att;

(g) l-ammont totali li għandu jitħallas;

Fattura ta' taxxa li tingħata mill-bejjiegħa bl-imnut.

5. Fattura ta' taxxa li tenħtieġ li tingħata minn bejjiegħ bl-imnut għandu jkun fiha dawn il-partikolaritajiet:-

(a) numru ta' identifikazzjoni tal-fattura;

(b) id-data tal-bejgħ;

(ċ) l-isem, l-indirizz u n-numru ta' reġistrazzjoni tat-taxxa tal-bejjiegħ bl-imnut;

(d) l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni tat-taxxa tal-persuna li lilha jsir il-bejgħ;

(e) deskrizzjoni li tkun biżżejjed sabiex tidentifika l-prodotti mibjugħa;

(f) għal kull deskrizzjoni l-għadd tal-prodotti u l-prezz li jkollu jitħallas għalihom;

(g) l-ammont totali li għandu jitħallas.

Provvista ta' servizzi minn persuni li m'humiex residenti.

6. Fil-każ ta' provvista ta' servizzi li għaliha jkun jirreferi is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 ta' l-Att, il-persuna li għandha l-obbligu li tħallas l-ETS skond l-imsemmi subartikolu (2) għandha tindika l-kliem "servizzi provduti minn persuna mhux residenti" minflok it-tagħrif meħtieġ bis-subparagrafu (d) tal-paragrafu (2) tar-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti.

Fattura ta' taxxa li tinħareġ minn persuni li jkunu għadhom ma ġewx reġistrati.

7. Fattura ta' taxxa li tinħareġ minn jew lil persuna li jkun meħtieġ li tkun reġistrata taħt l-Att, iżda li tkun għadha ma ġietx reġistrata taħt l-Att, għandu minflok in-numru ta' reġistrazzjoni ta' dik il-persuna,

(a) jkun fiha il-kliem "għadu mhux reġistrat"; u

(b) jiġi indikat fiha n-numru tal-karta ta' l-identità ta' dik il-persuna, jew, fil-każ li dik il-persuna ma tkunx individwu, l-isem u n-numru tal-karta ta' l-identità ta' l-uffiċjal prinċipali tagħha jew ta' xi wieħed mill-uffiċjali prinċipali tagħha.

Każijiet speċjali.

8. Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu mingħajr ebda preġudizzju għal kull dispożizzjoni li tista' tiġi preskritta skond l-artikolu 75 ta' l-Att.